



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L- EWROSISTEMA tat-8 ta' Ottubru 2004

I. Partiti mhux relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fit-8 ta' Ottubru 2004, it-tnaqqis ta' EUR 16-il miljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (partita 1 ta' l-attiv) irrifletta l-bejgħ ta' deheb li għamel wieħed mill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004).

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (partiti 2 u 3 ta' l-attiv nieqes il-partiti 7, 8 u 9 tal-passiv) naqset b'EUR 0.2 biljun għal EUR 168.1 biljun minħabba transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema **tat-titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita 7 ta' l-attiv) żdiedu b'EUR 0.6 biljun għal-EUR 68 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) żdiedu b'EUR 3.1 biljun għal EUR 469.9 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ġenerali** (partita 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 1.2 biljun għal EUR 53.7 biljun.

II. Partiti relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (partita 5 ta' l-attiv nieqes il-partiti 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) naqas b'EUR 3.6 biljun għal EUR 329.3 biljun. Nhar it-Tlieta, l-5 ta' Ottubru 2004, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rfinanzjament** ta' EUR 259 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 255.5 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita 5.5 ta' l-attiv) baqgħa prattikament kif kien viċin iż-żero, waqt li r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien ta' EUR 0.2 biljun (meta mqabbel ma' l-pożizzjoni ta' prattikament xejn tal-ġimgħa ta' qabel).

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro

B'riżultat tat-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Ewrosistema (partita 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 5.1 biljun għal EUR 137.3 biljun.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimha Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Internet: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonxxuta din l-istqarrija.



BANK ĊENTRALI EWROPEW

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 8 ta' Ottubru, 2004

(EUR miljuni)

Attiv	Bilanċ fis- 8 ta' Ottubru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- qabel mħabba t-	Passiv	Bilanċ fis- 8 ta' Ottubru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- mħabba t-
1 Deheb u krediti f'deheb	130,641	-16	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	469,936	3,138
2 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija			2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati fewro		
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	26,439	-77	2.1 Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riservi minimi)	137,318	-5,131
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment Self barrani fiss u assi oħra barranin Self barrani u assi oħra esterni	139,933 166,372	1,112 1,035	2.2 Faċilità ta' depożitu	163	141
3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija	17,387	242	2.3 Depożiti fissi	0	0
4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati fewro			2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss	6,883	-675	2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	0	-1
4.2 Talbiet li jirrżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt I-ERM II	0 6,883	0 -675	3 Obbligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati	125	0
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat fewro			4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	1,054	0
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament	255,498	-3,501	5 Obbligazzjonijiet lill residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati fewro		
5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal	75,001	0	5.1 L-amministrazzjoni pubblika	53,692	-1,188
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0	5.2 Obbligazzjonijiet oħra	6,067 59,759	67 -1,121
5.4 <i>Reverse operations</i> ta' tip strutturali	0	0	6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati fewro	9,180	-57
5.5 Faċilità ta' self marġinali	10	-8	7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija	304	36
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal ħlas jew għid marġinali	3 330,512	0 -3,509	8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita		
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati fewro	1,979	162	8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra	9,592	1,401
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati fewro	68,020	636	8.2 Obbligazzjonijiet (gejnin mill-faċilità ta' kreditu taħt I-ERM II)	0 9,592	0 1,401
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat fewro	42,060	0	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,807	0
9 Assi oħra	116,720	405	10 Passiv ieħor	56,778	-127
Assi Totali	880,574	-1,720	11 Kont tar-rivalutazzjoni	70,696	0
			12 Kapitali u riżervi	59,862	1
			Total tal-passiv	880,574	-1,720

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqqa sa l-eqreb numru sħiħ